

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 14/2011

tal-1 ta' April 2011

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) mal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 128/2010 tal-10 ta' Diċembru 2010 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/5/UE tad-8 ta' Frar 2010 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex l-akrolein ikun inkluż bħala sustanza attiva fl-Anness I tagħha ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/8/UE tad-9 ta' Frar 2010 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex il-warfarin sodium ikun inkluż bħala sustanza attiva fl-Anness I tagħha ⁽³⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (4) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/9/UE tad-9 ta' Frar 2010 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex testendi l-inklużjoni fl-Anness I tagħha tas-sustanza attiva fosfid tal-aluminju li jirrilaxxa l-fosfina għat-tip ta' prodott 18 kif definit fl-Anness V tagħha ⁽⁴⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (5) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/10/UE tad-9 ta' Frar 2010 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex il-brodifacoum ikun inkluż bħala sustanza attiva fl-Anness I tagħha ⁽⁵⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (6) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/11/UE tad-9 ta' Frar 2010 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex il-warfarin ikun inkluż bħala sustanza attiva fl-Anness I tagħha ⁽⁶⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

- (7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/122/UE tal-25 ta' Frar 2010 li temenda, għar-raġunijiet ta' adattament skont il-progress teknoloġiku, l-Anness tad-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet għall-applikazzjoni tal-kadmju ⁽⁷⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XV tal-Anness II ta' mal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiżi li ġejjin għandhom jinżiedu mal-punt 12n (id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

— **32010 L 0005:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/5/UE tad-8 ta' Frar 2010 (ĠU L 36, 9.2.2010, p. 24),

— **32010 L 0008:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/8/UE tad-9 ta' Frar 2010 (ĠU L 37, 10.2.2010, p. 37),

— **32010 L 0009:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/9/UE tad-9 ta' Frar 2010 (ĠU L 37, 10.2.2010, p. 40),

— **32010 L 0010:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/10/UE tad-9 ta' Frar 2010 (ĠU L 37, 10.2.2010, p. 44),

— **32010 L 0011:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/11/UE tad-9 ta' Frar 2010 (ĠU L 37, 10.2.2010, p. 47)."

2. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 12q (id-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

— **32010 D 0122:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/122/UE tal-25 ta' Frar 2010 (ĠU L 49, 26.2.2010, p. 32)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttivi 2010/5/UE, 2010/8/UE 2010/9/UE, 2010/10/UE u 2010/11/UE u Deċiżjoni 2010/122/UE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

⁽¹⁾ ĠU L 85, 31.3.2011, p. 11.

⁽²⁾ ĠU L 36, 9.2.2010, p. 24.

⁽³⁾ ĠU L 37, 10.2.2010, p. 37.

⁽⁴⁾ ĠU L 37, 10.2.2010, p. 40.

⁽⁵⁾ ĠU L 37, 10.2.2010, p. 44.

⁽⁶⁾ ĠU L 37, 10.2.2010, p. 47.

⁽⁷⁾ ĠU L 49, 26.2.2010, p. 32.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-2 ta' April 2011, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' April 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
L-Aġent President
Gianluca GRIPPA

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.